CCT/184/22/S

Graziella Cutajar

vs

Nicholas Cassar Curmi

Illum 25 ta' Mejju, 2023.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Graziella Cutajjar ippreżentata fit-6 ta' Diċembru, 2022 filwaqt li Nicholas Cassar Curmi irrifjuta l-inkartament u baqa' la ppreżenta risposta u lanqas deher għas-seduta tas-27 t'April 2023 quddiem dan it-Tribunal.

Ra id-dokument preżentati u sema' lill Emmanuel Seguna li kellu il-prokura ta' Graziella Cutajar.

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pretenza tirrigwarda vettura użata u l-ammont mitlub jirrappreżenta oġġetti li jridu jiġu mibdula.

Illi l-intimat ma deherx biex jikkontesta it-talba ta' Graziella Cutajar u jingħad mill-ewwel illi l-istess intimat naqas milli jwieġeb kemm għat-talba rikorrenti u lanqas deher għas-seduta li saret.

Illi għalhekk it-Tribunal għandu verzjoni waħda u cioe' dik tar-rikorrenti li ma ġietx kontradetta bl-ebda mod mill-intimat.

Illi in-nuqqas ta' dehra tal-intimat ma jfissirx li dan it-Tribunal m'għandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu ġustifikat.

Illi ir-rikorrenti spjegat permezz tal-prokuratur tagħha kif waslet għat-talba mitluba kif ukoll ippreżentat id-dokumentazzjoni rispettiva.

Illi min-naħa l-oħra l-intimat ma deherx biex jitfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex jgħati il-verżjoni tiegħu.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' t-talba ta' Graziella Cutajar u Jordna lill intimat Nicholas Curmi Cassar iħallas lill Graziella Cutajar is-somma ta' €2,200, bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mill-istess intimat Nicholas Curmi Cassar.

Richard Sladden Av.
Arbitru